KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 355**

**It-Tnejn 22 ta' Mejju, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**355.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**355.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

355.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 354.

Korrezzjoni tal-Minuti 354.

Is-Sindku talbet li f'item 354.6.1 jiżdied il-kliem 'biex tintuża anke barra l-ħinijiet ta' l-iskola', b'hekk tiġi taqra:

*354.6.1 Is-Sindku qalet li l-ftehim ta' kollaborazzjoni mal-iskola primarja fuq l-użu tal-pool kien għalaq. Il-Kunsill qabel li jerġa jsir ftehim ibbażat fuq dak ta' qabel li joffri 1,000 Ewro fis-sena għal-5 snin għal manutenzjoni tal-pool, biex tintuża anke barra l-ħinijiet ta' l-iskola.*

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-korrezzjoni.

Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 354 jkunu approvati b'din l-emenda. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**355.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

355.3.1 **Attivita' Zumba for LifeCycle**

Is-Sindku tat update dwar l-attivita' sportiva ppjanata ghall-Festa ta' San Nikola. Is-Sindku qalet li l-Kunsill talab li jinghata 1000 Ewro mill-Gvern għall-attivita' sportiva, iżda dawn l-fondi ma kienux se jinghataw. Għalhekk, l-ispejjeż għandhom jinżammu baxxi kemm jista jkun, u fakkret biex min jista jghin halli jingiebu iġibu xi donations. Hi qalet li l-attivita ss ssir bi shab ma' lifecycle u kienu se jaqamu l-ispejjez bejniethom.

355.3.2 **Każ Arbitraġġ Nru. M4096/2014 Carmelo Darmanin**

Is-Sindku qalet li rċevejna kopja tad-deċiżjoni ta' dan il-każ ta' arbitraġġ li inqata' favur il-Kunsill fit-2 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż ta' l-avukat biss.

355.3.3 **Development Planning Fund**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill rigward l-inizjattiva bl-isem 'Sebbaħ il-Lokal', fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minn massimu ta' 50,000 ewro għal proġett li jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti. Il-Kunsill tas-Siġġiewi huwa eliġibbli għal dan il-proġett. Is-Sindku qalet li talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara x'hemm bżonn għal din l-applikazzjoni, u jzomm il-Kunsill aġġornat.

355.3.4 **Korrispondenza minn PBS Ltd. dwar xandira tal-World Cup ipreżentata minn Danusan**

Is-Sindku qalet li hemm proposta mill-PBS biex jagħmlu xandira ta' logħob tal-World Cup mis-Siġġiewi, u dan bi ħlas ta' 600 Ewro. Is-Sindku proponiet li din tista' tiġi abbinata ma' l-isports day b'kollaborazzjoni mal-businesses tal-Pjazza, pero mingħajr il-ħlas ta' 600ewro. Hi ssuġġeriet li ssir proposta lil Danusan li jagħmlu l-attivita' waqt l-Sports Day.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ġibed l-attenzjoni li dak iż-żmien ikun hawn diversi attivitajiet mill-Għaqdiet għaddejjin, peress li jkun żmien il-Festa. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li din l-attivita' tista' ssir b'kollaborazzjoni ma' l-attivita' tal-Grupp ta' l-Armar li ssir kull sena fis-Sqaq ta' Triq il-Parroċċa, u b'involviment minimu mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jibgħat l-idea lil Danusan biex jikkunsidraw ikellmu negozji u għaqdiet u jekk jaqblu jagħmlu x-xandira waqt l-attivita' sportive

355.3.5 **Taħwil ta' siġar f'Wied il-Ħesri fil-preżenza ta' l-E.T. l-Preisdent ta' Malta**

Is-Sindku nfurmat li nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju ser isir taħwil ta' siġar f'Wied il-Ħesri. Din l-attivita' ser issir bejn id-9.00am u s-2.00pm u għaliha ser tkun preżenti l-E.T. il-President ta' Malta. Il-Kunsill kollu huwa mistieden jattendi. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li dawn iridu jissaqqew iktar peress li bħalissa mhux żmien idejali għal taħwil ta' siġar minħabba s-sħana. Is-Sindku qalet li diga' ġibdet l-attenzjoni dwar dan fl-laqgħa li saret mal-PARKS u l-President. Hi kienet ġiet nfurmata li jekk is-siġar se jithawwlu issa,l-Uffiċċju tal-President kien se jesieġi li l-PARKS jghinu lill-Kunsill Lokali fit-tisqija.

355.3.6 **Żjara ta' l-Isqof**

Is-Sindku infurmat li ser issir żjara mill-E.T. l-Isqof nhar il-Ħadd 3/6/18 fil-11.00am f'Dar Ommna Marija. Il-Kunsill mistieden biex jattendi. Il-Viċi Sindku qal li dakinhar ser ikun imsiefer.

355.4 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

355.4.1 Il-Kunsillieri Dominic Grech qal li hemm nuqqas ta' konsultazzjoni bejn is-Sindku u l-Kunsilliera fid-deċiżjonijiet. Huwa semma l-każ partikolari tal-laqgħa tal-lejla mar-residenti ta' Triq is-6 ta' Diċembru, fejn qal li ma kienx jaf b'din l-laqgħa u x'se jkun diskuss fiha. Huwa qal li kellha ssir sketch mill-Perit skond kif jippermettu il-qisien tat-triq, u b'hekk dan jista jkun komunikat lir-residenti fl-istess laqgħa. Il-Kunsillier Grech semma wkoll il-każ ta' l-Isports Day fejn dan kellu jiġi kkonsultat peress li huwa d-dekasteru tiegħu. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jibda diskussjoni dwar l-iskop u r-relevanza illum tad-dikasteri fi ħdan il-Kunsill, meta dawn mhux dejjem qed jiġu riflessi fil-ħidma tal-Kunsill, aktar u aktar meta dawn m'hemm l-ebda referenza ghalihom fl-att dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-Sindku qalet li mhux minnu li ma saritx konsultazzjoni fuq iż-żewg temi msemmija mill-Kunsillier Grech. Fil-fatt sostniet li tinsab sorpriża li kien qed jgħid dan għax iż-żewg materji kienu ssemmew fil-laqgħa preċedenti.

Hi fakkret li kif mniżżel fil-minuti tal-laqgħa ta' qabel, hi kienet nfurmat lill-Kunsilliera li l-Perit ressaq proposti fuq iż-żewg ilmenti li kienu ressqu r-residenti għand il-Kunsill fuq Triq is-6 ta' Diċembru. Hi kienet infurmat lill-Kunsilliera b'dawn il-proposti u l-Kunsilliera lkoll qablu li jressquhom lir-residenti għall-konsultazzjoni. Il-Kunsilliera kienu qablu

dakinhar li tiġi msejħa laqgħa mar-residenti fil-21 ta' Mejju fis-7pm. Is-Sindku fakkret li l-Kunsillier Dominic Grech li kien preżenti għal-laqgħa, ma sab l-ebda oġġezzjoni dakinhar u sostniet li ma setgħetx tifhem kif kien qed jgħid li ma jafx b'dan kollu meta kien preżenti fil-laqgħa. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace ikkonfermat li dan kollu kien ġie diskuss.

Dwar l-attività sportiva, is-Sindku qalet li kienet infurmat lill-Kunsilliera li l-Lifecycle kienu interessati jkunu partners f'din l-attivita' minflok jorganizzawha għal rashom bħalma jagħmlu s-soltu fix-xahar ta' April. Is-Sindku kienet talbet li min jista' jgħin f'kuntatt mas-Segretarju Parlamentari biex tiġi organizzata laqgħa ghall-fondi tal-attività, jagħmel dan u talbet speċifikament lill-Kunsillier D.Grech biex jekk ikollu kuntatt jinfurmaha. Is-Sindku qalet li minn dakinhar, Dominic Grech ma għamel l-ebda kuntatt magħha biex joffri għajnuna għall-finanzjament tal-attività jew biex jgħin fil-komunikazzjoni mas-Segretarju Parlamentari. Hi fakkret li kull kunsillier għandu jieħu ħsieb id-dekasteru tiegħu iżda fin-nuqqas li jkun qed isir xogħol, hi bħala Sindku fid-dmir li tara li l-ħidma tibqa' għaddejja.

Is-Sindku kompliet tgħid li, l-Kunsillier D.Grech kien informa lill-Kunsill li hu jixtieq jgħin fl-attivita', pero mhux se jkun jista' jgħin wisq għaliex għandu ħin limitat ħafna minħabba l-eżamijiet f'dak il-perjodu. Is-Sindku qalet li minħabba li l-Kunsill Lokali kellu jsib mezz kif jiffinanzja l-attivita' u minħabba li l-Kunsillier Grech kien infurmaha li ma setax jgħin wisq ħabba l-eżamijiet, hi kienet qed tesplora mezzi kif l-attività ssir u mhux titħassar minħabba nuqqas ta' fondi jew nuqqas ta' ħin disponibbli mill-kunsillier responsabbli.

Is-Sindku qalet li minħabba li ma ġiet l-ebda għajnuna mill-Gvern u Sport Malta, l-attivita' se ssir bi sħab mal-Lifecycle biex flimkien jaraw kif jistgħu jikkoordinaw u jtaffu l-ispejjeż ta' din l-attivita'.

**355.5 Proġetti f'Għar Lapsi – (Park, lattrina u triq) u s-sitwazzjoni tal-Bajja**

Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubbliċi rigward is-sitwazzjoni ta' Għar Lapsi. Hija qalet li ngħalqet parti ikbar mill-bajja peress li wara testijiet irriżulta li hemm żona iktar estiża fejn hemm periklu. Hija talbet lid-Dipartiment biex mill-iktar fis possibbli joħorġu stqarrija biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-periklu. Filfatt, l-istqarrija dehret fil-media illum.

Is-Sindku infurmat li kien hemm qbil mad-Dipartiment tax-xogħlijiet li ser jgħinu fix-xogħlijiet tal-park u l-Kunsill jieħu ħsieb joħroġ it-Tender tal-bandli. Il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-proċess biex jinħareġ it-tender.

Is-Sindku infurmat li l-proċess mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar għadu ghaddej. It-target date provduta mill-PA huwa Lulju 2018. Hija infurmat li fi ftit jiem kien se jibda it-twaqqiegħ tal-lattrina eżistenti u fi żmien ftit ġimgħat għandha titlesta.

Is-Sindku infurmat ukoll li l-ewwel fażi tat-twittija tat-triq bl-asfalt hija lesta, u qed isiru diskussjonijiet sabiex titkompla. Hi qalet li ġiet nfurmata minn TM li hemm bżonn isiru xogħolijiet mill-WSC qabel tista titkompla t-triq minn TM.

**355.6 Diskussjoni u Approvazzjoni tar-risposta għal Management Letter tal-Awditur**

Id-Deputat Segretarju qalet li dawn ser jitressqu f'Seduta b'Urġenza l-ġimgħa d-dieħla fejn ser ikun preżenti l-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill jiġi notifikat bid-data iktar 'il quddiem.

**355.7 Ħruġ ta' offerti għal Night Shelter**

Is-Sindku proponiet li jibda l-proċess biex jinħareġ it-tender tan-Night Shelter. Il-Kunsill unanimament qabel.

**355.8 Festa ta' San Nikola**

Is-Sindku nfurmat li l-laqgħa mas-sidien tal-bars u l-Pulizija hija maħsuba għal nhar l-Erbgħa 30/5/18 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**355.9 Festa Għeneb**

Is-Sindku qalet li peress li din is-sena il-Kunsill mhux ser jingħata fondi għal din l-attivita', qed jiġi diskuss kif jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż.

Il-Viċi Sindku qal li qed isib voluntieri għal entertainment u anka artisti li jagħtu xi pitturi u li l-bejgħ tagħhom ikun jista jmur għad-Dar tal-Providenza. Ħa jkun hemm ukoll spazju għall- bdiewa biex ibiegħu il-prodotti tagħhom.

**355.10 Approvazzjoni tal-istqarrijiet Finanzjarji għall-ewwel kwart tas-sena 2018**

Id-Deputat Segretarju qalet li dan l-item ser jersaq fis-Seduta b'Urgenza kif imsemmi f'item 355.6.

**355.11 Materji konnessi ma' L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

Id-Deputat Segretarju ippreżentat rapport ta' applikazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill.

**355.12 Rapport tal-korrispondenza**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport tal-korrispondenza li waslet għand il-Kunsill mill-aħħar Seduta sal-lum.

**355.13 Rapport tal-ilmenti**

Id-Deputat Segretarju ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-20 t'April u l-21 ta' Mejju.

**355.14 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

355.14.1 Il-Kunsillier Mark A. Vassallo qal li inqala l-wiċċ tat-triq mat-tappiera tal-WSC li qegħda quddiem 60-62, Triq ir-Rebbiegħa. Din qegħda ta' periklu.

355.14.2 Kompla jgħid li t-tabelli li jindikaw il-ġranet u l-ħinijiet li Triq il-Knisja l-Qadima tkun 'one way' fil-ħinijiet tal-Muzew iċċaraw u hemm bżonn li jinbidlu.

355.14.3 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li irċieva ilmenti dwar periklu biex taqsam minn quddiem Dar iż-Żernieq fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, u li jissuġġerixxi li minflok iz-zebra crossing eżistenti isiru pelikan lights.

355.14.4 Il-Kunsillier Cassar qal li hemm periklu wkoll biex taqsam quddiem Callus Landscaping fi Triq l-Imqabba li tagħti għal Ta' Kandja, u ssuggerixxa li issir zebra crossing.

355.14.5 Fl-istess triq hemm żewġ spralli li mhux qegħdin mal-livell tat-triq. Rigward l-ispralli il-Viċi Sindku qal li t-TM taf bihom u ser jiġu rranġati ma' l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet fl-inħawi.

355.14.6 Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li rċieva ilment li niżlet it-triq quddiem il-ħanut Die Ecke fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u qed iżżomm l-ilma, apparti li x'ħin jgħaddu t-trakkijiet jagħmlu ħafna ħoss li jdejjaq lir-residenti.

**353.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Id-Deputat Segretarju ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**354.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.00p.m.

Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 11ta' Ġunju 2018 fis-6.30p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit -Sindku

Keith Galea –Segretarju Eżekuttiv